**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 82/2022/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Katia Carmen Caruana**

Illum 25 ta' Ġunju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellata **Katia Carmen Caruana**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 348881(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi:

1. bħala direttur tal-kumpanija Caruana Constractive Company Ltd (C 32269) għas-snin 2010, 2011, 2012, 2013 u 2014 b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, naqset li tibgħat il-formoli tat-taxxa

skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-sub-artikoli (1) u (2) ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fir-Regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 maħruġa *ai termini* ta' 'l hawn fuq imsemmi Artikolu 23 naqset milli tħares id-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' April 2024 fejn il-Qorti sabet lill-imputata mhux ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha u b'hekk illiberataha minn kull ħtija u piena salv kull dritt li l-Kummissarju għat-Taxxi għandu sabiex jiġbor kwalsiasi ammont allegatament dovut lilu.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-3 ta' Mejju 2024 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' April 2024 talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha <u>tħassar u tirrevoka s-sentenza</u> billi ssib il-ħtija tal-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront tal-istess Katia Carmen Caruana, u tinfliġġi dik il-piena idonea u ġusta skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-8 ta' April 2024.

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jitlob li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi ssib ħtija fl-appellata Caruana għall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħha.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellata bbażat id-difiża tagħha fuq il-prinċipju ta' *ad impossibilia nemo tenetur*. Da parte tagħha, il-Prosekuzzjoni saħqet li l-appellata kellha tinstab ħatja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħha minħabba li saħqet li tressqet il-prova li l-appellata kienet direttriċi tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali ma jaqbilx ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta saħqet li l-Prosekuzzjoni kienet il-bogħod minn ċerta dwar l-ammont *per se* u anqas taqbel li l-Prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta l-aħjar prova. Jisħaq li n-nuqqas ta' ħlas ġie pruvat minn dokumentazzjoni preżentata mix-xhud li tressaq quddiem l-Ewwel Qorti u li l-appellant iqis li din il-prova hija l-prova reġina tal-każ odjern. Jisħaq li jekk l-ammont ma hux ċar ma jfissirx li l-appellata ma naqsitx milli tħallas l-ammont dovut minnha.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq ukoll li r-reat in kwistjoni imur lil hinn minn nuqqas ta' pagament u dana peress li skont l-appellant, l-appellata fil-vesti tagħha bħala direttur ma kinitx qiegħda tonqos milli tħallas it-taxxa u l-bolla pero' kienet qiegħda żżomm it-taxxa u l-bolla tal-impjegati tagħha u minflok tiddikjarahom mad-Dipartiment tat-Taxxi kif kellha tagħmel, kienet qegħda żżommhom għall-bżonnijiet tagħha.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jagħlaq l-appell tiegħu billi jisħaq li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellata jirriżultaw kemm f'intenzjoni kriminuża (u dana peress li jsostni li l-appellata kienet qiegħda tuża t-taxxa u l-bolla tal-impjegati tagħha għall-bżonnijiet tagħha) u anke f'*culpa* u negliġenza (u dana peress li jargumenta li hija naqset mid-doveri tagħha u ma ddikjaratx it-taxxa u l-bolla hekk kif dovuti).

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imsemmi mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu hija tinnota li huwa ben magħruf li hija

ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Manuel Xuereb** (Numru 10/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.
>
> Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għal dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha."

**Ikkunsidrat**

Illi minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti anqas qieset il-prinċipju ta' *ad impossibilia nemo tenetur* imressaq mill-appellata quddiemha. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellata allura imputata minħabba raġunijiet oħra li jirriżultaw fl-istess sentenza appellata.

Illi għal kull buon fini għandu jingħad li din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tispekula jew tifhem x'seta' ġara quddiem l-Ewwel Qorti salv għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali biss. Issa, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u bħal Ewwel Qorti jirriżultalha li quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom b'kopji awtentikati tal-formoli tal-FS3, FS5 u FS6 flimkien ma' spjega tal-kalkoli debitament ġuramentata.

Illi filwaqt li huwa minnu li nuqqas ta' pagament tat-taxxi u kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali huwa biżżejjed sabiex tinstab reita' f'persuna akkużata però fl-istess waqt għandha titressaq l-aqwa prova kif imsemmi hawn fuq.

Illi mix-xiehda mogħtija mir-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jirriżulta li l-ewwel isemmi bilanċ ta' taxxa u aktar tard isemmi bilanċ ieħor. In fatti fis-sentenza appellata ngħad hekk (*a fol.* 77):

> "Illi huwa jgħid li l-bilanċ tat-taxxa huwa ta' ċirka €89,000 filwaqt li aktar 'l quddiem fix-xiehda tiegħu jgħid li fadal bilanċ ta' €74,984. Illi mill-provi prodotti jirriżulta li jekk jingħaddu l-ammonti dikjarati bħala dovut għas-snin 2011 sa 2014, l-ammont totali huwa ta' €82,567.92. Il-Prosekuzzjoni ma ndikatx kemm effettivament ġie mħallas minn dan l-ammont dovut bejn is-snin 2011 sa 2014. Illi b'hekk, fil-fehma tal-Qorti l-ammonti reklamati mill-Prosekuzzjoni huma 'l bogħod milli ċerti."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat mis-sentenza appellata peress li huwa korrett.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Deguara** (Numru 178/2022) fejn din il-Qorti diversament (li laqgħet l-appell tal-

appellant li kien ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti) qalet is-segwenti:

> "Din il-Qorti tgħid mingħajr tlaqliq illi l-appellant kellu raġun meta aċċena fir-rikors tiegħu illi l-ammonti dovuti huma nċerti. Jiġi mfakkar illi hija sta għall-Prosekuzzjoni li ġġib l-aħjar provi kemm favur u kemm kontra l-akkużat u kwalunkwe dubbju dejjem għandu jimmerita favur l-akkużat. Ma jidher minn imkien rendikont globali ta' dak li d-dipartiment qiegħed jsostni li huwa dovut bħala taxxa u/jew kontribuzzjonijiet ta' sigurta soċjali li jikkorrispondu mad-dokumenti FS3, FS5 u FS7 dovuta mis-soċjeta' Devlands Limited versu l-Kummissarju tat-Taxxi. Filwaqt li x-xhud Azzopardi xehed li *settlement agreement* partikolari kien jammonta għal 1.8 miljun euro, ma spjegax kif id-dipartiment wasal għal dan l-ammont. Oltre minn hekk, dan il-kuntratt jidher li kien iffirmat fis-sena 2012 u l-akkużi jirreferu wkoll għas-sena 2014. Din il-Qorti ma tistax lanqas tifhem kif ġew esebiti l-FS7s mis-sena 2004 sas-sena 2008 biss, meta x-xhud Azzopardi xehed quddiemha li *'l-fatt li d-dipartiment fuq kull sena li hemm l-akkużi fuqhom, għandu dawn l-ammonti kollha, **għaliex l-FS7s kollha ġew ippreżentati**'*. Filwaqt li mis-sena 2010 sas-sena 2014 huma riflessi mis-*summary* li nħarġet mis-sistema tad-Dipartiment, is-sena 2009 m'hix riflessa fis-*summary* tas-sistema u lanqas fl-FS7s minkejja li hemm indikazzjoni għaliha wkoll fl-akkużi! Din il-Qorti kienet tistenna li tiġi pprovduta komputazzjoni totali kif ukoll l-FS7s kollha, kif ukoll *summary* mis-sistema b'mod globali li jirriflettu l-akkużi. Hawn hekk din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **R. v. Vivian**, 68 Cr.App.R. 53, fejn il-Qorti tal-Appell kienet qalet is-segwenti:
>
> > *"no order for compensation should be made unless the sum claimed by way of compensation is either agreed or proved"…Although it is open to the court*

> *to hear evidence in order to determine questions as to the fact or the amount of loss, the Court of Appeal has discouraged criminal courts from embarking on complicated investigations. See R. v. Kneeshaw, 58 Cr.App.R. 439; Hyde v. Emery, 6 Cr.App.R.(S.) 206; R. v. Briscoe, 15 Cr.App.R.(S.) 699; and R. v. White [1996] 2 Cr. App.R.(S.) 58."*

> Din il-Qorti tifli l-atti, tisma l-provi u tara jekk dak imressaq mill-Prosekuzzjoni jikostitwixxix l-aħjar prova. Madankollu, l-Qorti mhux qegħda hemm biex timla l-vojt li tħalli l-Prosekuzzjoni u tipprova toqgħod tassumi l-istess Prosekuzzjoni x'riedet tfisser.

> Għaldaqstant kellu raġun l-appellant jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Ellul**.[1] Il-provi prodotti huma pjuttost frammentati u għaldaqstant din il-Qorti sejra tillibera lill-appellant dan iżda mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jistitwixxi proċeduri ċivili fil-konfront tal-appellant u/jew persuni oħra li kienu responsabbli għal ħlas ta' taxxi u/jew kontribuzzjonijiet ta' sigurta soċjali fil-perjodu in kwistjoni."

Illi meħud in konsiderazzjoni dan kollu, inkluż dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u fid-dawl tas-sentenza hawn fuq ċitata li din il-Qorti tagħmilha tagħha, din il-Qorti tinnota li dak imsemmi mill-Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu ma jimmeritax li jiġix milqugħ u dana peress li l-każ tal-Prosekuzzjoni falla minħabba n-nuqqasijiet hawn fuq imsemmija.

[1] "Deċiża minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta nhar l-20 ta' Mejju, 2020."

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**